

Brussell, 21 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10119/24

HYBRID 81
DISINFO 76
AG 101
PE 136
CYBER 168
JAI 834
RELEX 686
JAIEX 35
CFSP/PESC 768
PROCIV 38
IPCR 36
COPS 282

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza demokratika: is-salvagwardja tal-proċessi elettoralni mill-indhli barrani

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza demokratika: is-salvagwardja tal-proċessi elettoralni mill-indhli barrani, approvati mill-Kunsill fl-4025 laqgħa tiegħu fil-21 ta' Mejju 2024.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza demokratika: is-salvagwardja tal-proċessi
elettorali mill-indħil barrani**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JENFASIZZA r-rwol fundamentali taċ-ċittadini fid-demokrazija, u JISSOTTOLINJA li l-protezzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti minn kull interferenza barranija, inkluż fil-qasam tal-informazzjoni, minn atturi statali jew mhux statali, kif ukoll it-trasparenza elettorali, huma essenzjali għad-demokraziji. Mibnija fuq għażliet politiċi ħielsa u infurmati tajjeb, id-demokraziji tagħna jridu jiġu salvagwardjati minn kull forma ta' interferenza barranija. Ir-reżiljenza demokratika trid tissaħħaħ billi tinbena l-fiduċja u trid tkun ibbażata fuq id-drittijiet fundamentali u l-valuri demokratiċi sostnuti mill-Unjoni Ewropea. Hekk kif biljuni ta' ċittadini jitfgħu l-vot tagħhom fid-dinja kollha fl-2024, inkluż fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, ir-reżiljenza demokratika ser tibqa' punt ċentrali tal-aġenda tal-Kunsill.
2. JISSOTTOLINJA l-fatt li l-ambjent tas-sigurtà fl-Ewropa nbidel konsiderevolment f'dawn l-aħħar snin minħabba l-annessjoni tal-Krimea mir-Russja u l-gwerra ta' aggressjoni sussegwenti kontra l-Ukrajna. Kompetizzjoni ġeopolitika dejjem akbar u kunflitti internazzjonali u reġjonali, inkluż is-sitwazzjoni attwali fil-Lvant Nofsani, jaggravaw din is-sitwazzjoni. Barra minn hekk, l-istrumentalizzazzjoni ta' dawn il-kunflitti tkompli tkabbar l-isfidi ffaċċjati mid-demokraziji tagħna, li tista' twassal għal aggravazzjoni tal-frizzjoni soċjetali, il-polarizzazzjoni, ir-radikalizzazzjoni u għat-tnaqqis fil-fiduċja fl-istituzzjonijiet u l-elezzjonijiet. JAGĦRAF li l-atturi statali u mhux statali qed jużaw dejjem aktar tattiki ibridi, li joħlqu theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE, l-Istati Membri tagħha u s-sħab tagħha.

3. JAGĦRAF il-valur ta' kooperazzjoni mill-qrib fl-UE fis-salvagwardja ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti fl-Unjoni Ewropea u JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri biex jużaw malajr u b'mod komprensiv il-mekkaniżmi, in-networks u l-għodod stabbiliti kollha sabiex jiżguraw tali kooperazzjoni u jappoġġaw l-integrità tal-proċessi demokratiċi, inkluż l-elezzjonijiet, salvagwardjati mill-forom kollha ta' ndħil barrani, mingħajr ma jimpedixxu dibattitu demokratiku miftuħ. Għal dan l-għan, JISSOTTOLINJA l-importanza ta' użu effiċjenti u effettiv tan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet u s-Sistema ta' Twissija Rapida kif ukoll id-dipendenza fuq il-kontribut tal-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali u t-Taskforce tiegħu dwar l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2024.
4. JAGĦRAF li attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi spiss huma element ewlieni ta' kampanji ibridi u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jkomplu jissaħħu ċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza fil-livelli nazzjonali u tal-UE, kif ukoll l-importanza tal-kooperazzjoni u s-solidarjetà internazzjonali f'dan ir-rigward. JISTIEDEN lill-Istati Membri kif ukoll lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE jieħdu miżuri tekniċi u organizzattivi adatti u proporzjonati biex kontinwament jipprevjenu, jiskoraġġixxu, jevitaw u jirrispondu għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi kontra l-proċessi demokratiċi nazzjonali u tal-UE.

5. JAGĦRAF li hemm atturi statali u mhux statali barranin li mhumieq qed joqogħdu lura milli jużaw teknoloġiji emerġenti u fixkiela, bħall-intelliġenza artifiċjali, biex tiżdied l-effettività ta' kampanji ibridi mmirati biex jinterferixxu fil-proċessi demokratiċi. It-teknoloġiji tal-IA jistgħu jżidu l-veloċità u l-iskala tal-operazzjonijiet ta' influwenza u jippermettu l-ħolqien ta' kontenut falz li jista' jtejjeb it-theddid eżistenti bħall-mira ta' kandidati politiċi u l-qerq biċ-ċittadini billi jgħawweġ l-informazzjoni u r-realtà. Fl-istess ħin, JENFASIZZA l-ħafna opportunitajiet li t-teknoloġiji l-ġodda jistgħu jipprovdu għal reazzjonijiet effettivi mill-UE u l-Istati Membri tagħha, il-kumpaniji tat-teknoloġija u s-soċjetà ċivili għal sfidi bħal dawn, u f'dan ir-rigward, JILQA', fost l-oħrajn, il-ħidma fuq l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali kif ukoll l-avvanz ta' approċċ għat-teknoloġiji diġitali bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem. JAPPELLA lir-Rappreżentant Għoli, il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex ikomplu jirrispettaw, jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem, il-proċessi demokratiċi u l-istat tad-dritt online bħalma jsir offline, b'mod partikolari billi jitrawwem il-litteriżmu diġitali kif ukoll javvanzaw l-approċċ għat-teknoloġiji diġitali ċċentrat fuq il-bniedem u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, bħall-Intelliġenza Artifiċjali¹.
6. Fil-kuntest ta' sforzi usa' biex insaħħu r-reżiljenza u l-kapaċità tagħna li nirreaġixxu għal kampanji ibridi, inkluż il-FIMI, IFAKKAR fl-oġettivi stabbiliti fil-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, approvati mill-Kunsill Ewropew fil-25 ta' Marzu 2022². F'dan ir-rigward, JINNOTA l-azzjonijiet speċifiċi rilevanti meħuda:
- l-istabbiliment tas-**Sett ta' Għodod tal-UE kontra t-Theddid Ibridu**, kif stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2022 dwar qafas għal reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi³, li jiġbor flimkien strumenti eżistenti u potenzjali ġodda u jipprovdi qafas għal reazzjoni koordinata għal kampanji ibridi li jaffettwaw lill-UE u lill-Istati Membri u lis-sħab tagħha. Jinkludi wkoll miżuri preventivi, kooperattivi, ta' stabbiltà, restrittivi u ta' rkupru u jsaħħaħ is-solidarjetà u l-assistenza reċiproka,
 - l-istabbiliment tas-Sett ta' Għodod għall-Manipulazzjoni tal-Informazzjoni u l-Interferenza Barranija ("Sett ta' Għodod tal-FIMI"),

¹ 11088/23

² EUCO 1/22

³ 10016/22

- it-tisħiħ tas-**Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija (CDT)**, li għandu l-għan li jirrispondi malajr u b'mod riżolut għat-theddid u l-attakki ċibernetiċi u jista' jikkontribwixxi għar-rispons tal-UE għal kampanja ibrida, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tagħha stess.

JINNOTA li dawn is-settijiet ta' għodod jikkontribwixxu konsiderevolment għal approċċ ħafna aktar komprensiv billi jiżguraw reazzjonijiet koordinati għal kampanji ibridi, attakki ċibernetiċi u attivitajiet tal-FIMI kontra l-UE, l-Istati Membri u s-sħab tagħha, u b'hekk isaħħu r-reżiljenza ġenerali. JISĦAQ fuq l-importanza li jiġi massimizzat l-użu tal-għodod u l-miżuri eżistenti fil-livell tal-UE, bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali, il-Kodiċi ta' Prattika msaħħaħ dwar id-Diżinformazzjoni, id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi⁴, id-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (NIS 2)⁵ u r-Regolament adottat dan l-aħħar dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku. Minbarra li jikkomplementaw ir-reġimi ta' sanzjonijiet eżistenti fejn meħtieġ, is-settijiet ta' għodod jinkludu wkoll il-possibbiltà li jiġu esplorati miżuri restrittivi ġodda biex jindirizzaw l-attivitajiet ibridi u l-FIMI.

7. Il-Kunsill JISSOTTOLINJA wkoll il-progress li għaddej lejn l-istabbiliment ta' **Timijiet ta' Rispons Rapidu kontra Theddid Ibridu** u JAPPELLA lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jimxu malajr bl-istabbiliment ta' tali timijiet, filwaqt li JISĦAQ li t-Timijiet ta' Rispons Rapidu kontra Theddid Ibridu għandhom iservu bħala wieħed mill-istrumenti ewlenin tas-Sett ta' Għodod tal-UE kontra t-Theddid Ibridu biex jappoġġaw lill-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi sħab fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu.

⁴ Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE, ĠU L 333, 27.12.2022

⁵ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2), ĠU L 333, 27.12.2022

8. JAPPELLA għal għarfien tas-sitwazzjoni msaħħa qabel, matul u wara l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew rigward tentattivi minn atturi statali u mhux statali barranin biex jinterferixxu fil-proċess demokratiku fl-UE. JENFASIZZA r-rwol ċentrali ta' Ċellola ta' Fużjoni tal-UE kontra t-Theddid Ibridu (HFC) tal-INTCEN bl-appoġġ tad-Direttorat tal-Intelligence tal-EUMS taħt il-qafas tal-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC) tal-UE bħala l-entità ċentrali li tipprovdi valutazzjonijiet tal-intelligence dwar theddid ibridu bbażati primarjament fuq il-kontributi tal-intelligence tal-Istati Membri, kif ukoll l-għarfien tas-sitwazzjoni, filwaqt li tanalizza l-informazzjoni mis-sors kollu, abbażi ta' informazzjoni minn sors miftuħ u klassifikata minn partijiet ikkonċernati differenti fi ħdan is-SEAE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri. ITENNI l-ħtieġa li jissaħħu d-detezzjoni, l-analiżi u l-prospettiva permezz tal-HFC fi ħdan l-SIAC.
9. JAGĦRAF li l-Att dwar is-Servizzi Diġitali jirrappreżenta l-ewwel għodda ta' infurzar li tista' tikkontribwixxi b'mod effettiv biex ittaffi r-riskji sistemiċi relatati mat-tixrid online ta' diżinformazzjoni u l-protezzjoni tal-integrità tal-proċessi elettorali minn kull forma ta' interferenza barranija. JAGĦRAF li l-Kodiċi ta' Prattika msaħħa dwar id-Diżinformazzjoni u l-bażi varjata tal-firmatarji tiegħu jipprovdi forum importanti biex jiġu indirizzati u diskussi kwistjonijiet relatati mad-diżinformazzjoni online matul il-perjodu elettorali. JISSOTTOLINJA r-responsabbiltà konġunta tal-industrija tat-teknoloġija, il-gvernijiet u partijiet ikkonċernati oħra li jiddefendu l-libertà tal-espressjoni u d-diskors demokratiku miftuħ fl-ispazju diġitali.
10. JAPPELLA lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma tagħha mal-pjattaformi online skont il-Kodiċi ta' Prattika msaħħa dwar id-Diżinformazzjoni u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, u tagħmel l-aħjar użu mill-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media u r-regolament il-ġdid dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku, filwaqt li jissottolinja l-ħtieġa ta' involviment effettiv ibbażat fuq l-implimentazzjoni ta' impenji miftiehma, involviment aktar attiv ma' pjattaformi online iżgħar, kooperazzjoni kontinwa mal-komunità usa' tal-partijiet ikkonċernati, l-ewwel u qabel kollox, is-soċjetà ċivili, il-verifikaturi tal-fatti, u l-akkademiċi, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri tal-UE.

11. JENFASIZZA l-importanza li tiġi appoġġata l-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika, ħielsa minn kull forma ta' ndħil barrani. JISSOTTOLINJA l-importanza li jitrawwem litteriżmu diġitali u medjatiku fost iċ-ċittadini, ir-rwol kritiku ta' mezzi tax-xandir ħielsa, indipendenti u pluralistiċi, il-ħtieġa li tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili u l-akkademja, it-tiżiħ tar-rwol tal-verifikaturi tal-fatti u li jkompli jiġi żgurat livell adegwat ta' responsabbiltà, sens ta' responsabbiltà u trasparenza tal-pjattaformi online.
12. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw malajr l-azzjonijiet u l-prijoritajiet imħabbra fir-Rapporti dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE 2020 u 2023⁶ bl-għan li tissaħħaħ il-parteeċipazzjoni demokratika, tingħata s-setgħa liċ-ċittadini u titrawwem l-inklużjoni taċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari permezz tal-inklużjoni ta' kategoriji mhux rappreżentati biżżejjed ta' votanti.
13. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-ħidma li saret mid-Diviżjoni tal-Komunikazzjoni Strateġika tas-SEAE (StratCom tas-SEAE) u t-task forces tagħha, b'mod partikolari t-Task Force East StratCom bil-proġett ewlieni tagħha EUvsDisinfo, kif ukoll it-Task Force tal-Balkani tal-Punent, it-Task Force tan-Nofsinhar u t-Task Force StratCom tal-Afrika Sub-Saħarjana li għadha kif ġiet stabbilita għall-kontribut għal komunikazzjoni effettiva u bbażata fuq il-fatti, il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, komunikazzjoni strateġika dwar l-azzjoni esterna tal-UE u t-tiżiħ tal-ambjent tal-media inġenerali u s-soċjetà ċivili fir-reġjuni rispettivi tagħhom, inkluż qabel, matul u wara l-elezzjonijiet. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-ġlieda kontra l-FIMI, inkluż id-diżinformazzjoni b'lingwi differenti u b'ambitu ġeografiku wiesa'.

⁶ Rapporti mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Rapport tal-2020 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE - Responsabbilizzazzjoni taċ-ċittadini u protezzjoni tad-drittijiet tagħhom, COM (2020) 730 final, u Dwar il-progress lejn ċittadinanza effettiva tal-UE 2020-2023, COM (2023) 931 final

14. JIEĦU NOTA tal-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija ppreżentat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2023, li jibni fuq il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea adottat fl-2020. JIEĦU NOTA tal-proposta għal Direttiva dwar it-Trasparenza ta' Rappreżentanza ta' Interess fisem Pajjiżi Terzi⁷, li għandha l-għan li ssaħħaħ ir-rekwiżiti ta' trasparenza biex jiġi miġġieled l-indħil barrani fl-ispazju demokratiku tal-Unjoni, u r-Rakkomandazzjoni dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni⁸, li tipprovdi miżuri konkreti għall-Istati Membri u l-atturi politiċi, inkluż il-partiti u l-fondazzjonijiet, biex tgħin fis-salvagwardja tal-proċessi elettorali mill-forom kollha ta' interferenza barranija.
15. JENFASIZZA l-importanza ta' eżerċizzji, li jikkombinaw elementi differenti bħall-FIMI, attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi u theddid għall-infrastruttura kritika, peress li l-kampanji ibridi u t-theddid li qed niffaċċjaw qed isiru dejjem aktar multidimensjonali u transsettorjali. IFAKKAR fil-valur tas-sħab nazzjonali u tal-UE li jipparteċipaw f'eżerċizzji bħal dwar ir-reżiljenza demokratika, li jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-għodod attwali kollha disponibbli biex tissaħħaħ ir-reżiljenza demokratika tagħna fil-kuntest tal-elezzjonijiet. Fejn u meta possibbli, tali eżerċizzji jistgħu jitwettqu b'approċċ tas-soċjetà kollha u tal-gvern kollu u jagħmlu l-aħjar użu mill-istrutturi u l-entitajiet eżistenti kollha, bħas-Sistema ta' Twissija Rapida, in-network Ewropew ta' organizzazzjoni ta' kollegament f'każ ta' ċiberkriżijiet (EU-CyCLONe), il-Grupp ta' Kooperazzjoni tan-Network u tas-Sistemi tal-Infommazzjoni, in-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet, kif ukoll iċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu u s-settur privat, filwaqt li jitqies ir-rwol sinifikanti tagħhom f'risponsi effettivi. Dan għandu jibni fuq il-ħidma li saret skont il-Kodiċi ta' Prattika msaħħaħ dwar id-Diżinformazzjoni u l-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali.

⁷ Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fis-suq intern dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa fisem pajjiżi terzi u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937; COM (2023) 637 final

⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2829 tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni u t-tisħiħ tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, ĠU L, 2023/2829, 20.12.2023

16. JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri biex janalizzaw bir-reqqa t-tagħlimiet li għandhom jittieħdu mill-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2024, jippreżentaw feedback komprensiv lill-Kunsill dwar l-effettività tal-mekkaniżmi, in-networks, l-għodod u l-miżuri rilevanti, u jirrappurtaw dwar kwalunkwe kwistjoni u nuqqas identifikati fl-għodod disponibbli sabiex ikunu jistgħu jiġu rettifikati.
-